# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 261/2013

## tal-21 ta' Marzu 2013

## li jimplimenta l-Artikolu 11(1) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 753/2011 tal-1 ta' Awwissu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Awwissu 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 753/2011.

(2) Fil-11 ta' Frar u l-25 ta' Frar 2013, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, stabbilit skont il-paragrafu 30 tar-Riżoluzzjoni 1988 (2011) tal-Kunsill tas-Sigurtà, aġġorna u emenda l-lista ta' individwi, gruppi, impriżi u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 huwa b'dan emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. HOGAN

---

([1]) ĠU L 199, 2.8.2011, p. 1.

*ANNESS*

I. L-entrati fil-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 għall-persuni ta' hawn taħt għandhom jiġu sostitwiti bl-entrati li jinsabu hawn taħt.

A. Individwi assoċjati mat-Taliban

1. Abdul Jalil Haqqani Wali Mohammad (magħruf ukoll bħala (a) Abdul Jalil Akhund (b) Mullah Akhtar (c) Abdul Jalil Haqqani (d) Nazar Jan)

Titolu: (a) Maulavi, (b) Mullah. Raġuni għall-inklużjoni fil-lista: Viċi Ministru tal-Affarijiet Barranin taħt ir-reġim Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1963. Post tat-twelid: (a) Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan, (b) Belt ta' Kandahar, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Numru tal-passaport: OR 1961825 (maħruġ taħt l-isem Mullah Akhtar, passaport maħruġ fl-4 ta' Frar 2003 mill-Konsulat Afgan fi Quetta, il-Pakistan, skada fit-2 ta' Frar 2006). Informazzjoni oħra: (a) Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, (b) Membru tal-Kunsill Suprem tat-Taliban minn Mejju 2007, (c) Membru tal-Kummissjoni Finanzjarja tal-Kunsill tat-Taliban, (d) Ħu Atiqullah Wali Mohammad. Data tan-nomina min-NU: 25.1.2001.

2. Atiqullah Wali Mohammad (magħruf ukoll bħala Atiqullah)

Titolu: (a) Haji, (b) Mullah. Raġuni għall-inklużjoni fil-lista: Viċi Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi taħt ir-reġim tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1962. Post tat-twelid: (a) Distrett ta' Tirin Kot, Provinċja ta' Uruzgan, l-Afganistan, (b) raħal ta' Khwaja Malik, Distrett ta' Arghandab, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgana. Informazzjoni oħra: (a) Membru tal-Kummissjoni Politika tal-Kunsill Suprem tat-Taliban fl-2010, (b) Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, (c) Jappartjeni għat-tribù Alizai, (d) Ħu Abdul Jalil Haqqani Wali Mohammad. Data tan-nomina min-NU: 31.1.2001.

Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Wara li Kabul inqabdet mit-Taliban fl-1996, Atiqullah inħatar għal pożizzjoni f'Kandahar. Fl-1999 jew l-2000, huwa nħatar l-ewwel Viċi Ministru tal-Agrikoltura, imbagħad Viċi Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi fir-reġim Taliban. Wara l-waqgħa tar-reġim Taliban, Atiqullah sar uffiċjal tal-operazzjonijiet Talibani fin-nofsinhar tal-Afganistan. Fl-2008, huwa sar viċi tal-Gvernatur Taliban tal-provinċja ta' Helmand, l-Afganistan.

II. L-entrati ta' hawn taħt għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 753/2011.

A. Individwi assoċjati mat-Taliban

1. Ahmed Shah Noorzai Obaidullah (magħruf ukoll bħala (a) Mullah Ahmed Shah Noorzai (b) Haji Ahmad Shah (c) Haji Mullah Ahmad Shah (d) Maulawi Ahmed Shah (e) Mullah Mohammed Shah)

Titolu: (a) Mullah, (b) Maulavi Data tat-twelid: (a) l-1 ta' Jannar 1985 (b) 1981 Post tat-twelid: Quetta, il-Pakistan. Nru tal-passport: Numru tal-passaport Pakistani NC5140251 maħruġ fit-23 ta' Ottubru 2009 jiskadi fit-22 ta' Ottubru 2014. Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali: Numru tal-karta tal-identità nazzjonali Pakistana 54401-2288025-9. Indirizz: Quetta, il-Pakistan. Informazzjoni oħra: (a) Huwa sid ta' u jopera l-Roshan Money Exchange. (b) Ipprovda servizzi finanzjarji lil Ghul Agha Ishakzai u Taliban oħrajn fil-Provinċja ta' Helmand. Data tan-Nomina min-NU: 26.2.2013

Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

Ahmed Shah Noorzai Obaidullah huwa sid ta' u jopera l-Roshan Money Exchange, li tipprovdi appoġġ finanzjarju, materjali, jew teknoloġiku, jew servizzi finanzjarji jew servizzi oħrajn lil jew b'appoġġ ta' u għat-Taliban. Il-Roshan Money Exchange jaħżen u jittrasferixxi fondi biex jappoġġaw operazzjonijiet militari tat-Taliban u r-rwol tat-Taliban fil-kummerċ tan-narkotiċi Afgan. Sa mill-2011, il-Roshan Money Exchange kienet waħda mill-fornituri prinċipali ta' servizzi ta' flus (jew "hawalas") użati mill-uffiċjali tat-Taliban fil-Provinċja ta' Helmand, l-Afganistan. Ahmed Shah ipprovda servizzi hawala lill-mexxejja tat-Taliban fil-Provinċja ta' Helman għal numru ta' snin u, sa mill-2011, kien fornitur fdat ta' servizzi ta' flus għat-Taliban. Kmieni fl-2012, it-Taliban ordnaw lil Ahmed Shah jittrasferixxi flux lil numru ta' hawalas f'Lashkar Gah, il-Provinċja ta' Helmand, minn fejn kmandant anzjan tat-Taliban kien imbagħad jalloka l-fondi.

Tard fl-2011, Ahmed Shah ikkonsolida mijiet ta' eluf ta' dollari Amerikani biex jgħaddihom lill-Kummissjoni tal-Finanzi tat-Taliban u ttrasferixxa mijiet ta' eluf ta' dollari Amerikani għat-Taliban, inkluż lil kmandanti anzjani tat-Taliban. Ukoll tard fl-2011, Ahmed Shah irċieva permezz tal-fergħa tal-hawala tiegħu fi Quetta, il-Pakistan, trasferiment f'isem it-Taliban, li minnu ntużaw flus biex jinxtara fertilizzant u komponenti għal apparat splussiv improvizzat (IED), inklużi batteriji u miċċa detonatriċi. F'nofs l-2011, il-kap tal-kummissjoni tal-finanzi tat-Taliban Gul Agha Ishakzai ta struzzjonijiet lil Ahmed Shah biex jiddepożita diversi miljuni ta' dollari Amerikani fir-Roshan Money Exchange għat-Taliban. Gul Agha spjega li meta trasferiment ta' flus kien meħtieġ, hu kien jinforma lil Ahmed Shah min hu t-Taliban li kellu jirċevihom. Ahmed Shah imbagħad kien jipprovdi l-fondi meħtieġa permezz tas-sistema tal-hawala tiegħu. Sa min-nofs l-2010, Ahmed Shah mexxa flus bejn il-Pakistan u l-Afganistan għal kmandanti tat-Taliban u għal traffikanti tan-narkotiċi. Barra mill-attivitajiet teigħu ta' faċilitazzjoni, Ahmed Shah ta somom ta' flus kbar imma mhux speċifiċi lit-Taliban fl-2011.